MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Numru 1137/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Borg**

v

**RICHARD MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RICHARD MERCIECA** ta' disgha w tletin sena bin Victor u Josephine nee Galea, imwieled Pieta nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Lulju 1966 u residenti 29, 'Nadrick', Triq Patrli Marjanu Vella, Iklin, detentur tal-karta tal-identita numru 324466M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005 u fil-granet ta' qabel fuq l-Monti ta' Hal Qormi, kif wkoll minn gewwa d-dar tieghu residenti 29, 'Nadrick', Triq Patrli Marjanu Vella, Iklin, b'diversi atti maghmulin minnu fi

zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebhin b'qerq u cioe DVD's;

2. talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra u cioe DVD's bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe t-*Twentieth Century Fox Film Corporation* u socjetajiet ohra li taghhom Patrick J. Galea Advocates rappresentata minn Dottor Patrick J. Galea LL D et hija rappresentanti, protetti bil/jew taht l-ligi ta' Malta;

3. talli sar recidiv b'sentenzi moghtija tal-Qorti tal-Magistrati fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1999, fil-hdax ta' Frar 2000, fit-tnax ta' Mejju 2000, fit-tmienja ta' Marzu 2005 u fis-sebgha ta' Novembru 2005.
Il-Qorti giet mitluba sabiex skond d-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thssar l-licenzja jew inkellha tissospendi tali licenzja ghal xi zmien ai termini tal-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti kif wkoll, jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil imputat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005 esibit bhala dokument CSH 2 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar

lilu nhar l-hmistax ta' Frar 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta’ Frar 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkopera bis-shih maghha sa mill-bidu tal-investigazzjoni u li ma kellhiex oggezzjoni li l-piena ghandha tkun fil-minimu taghha u dan ghaliex kien l-imputat stess li qalilha bid-DVD’s li kellu.

**Dwar il-piena,** l-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe dakinhar li gew mahlufa l-akkuzi u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz, u

3. Dak li gie verbalizzat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-hmistax ta’ Frar 2006 u cioe li l-piena ghand tkun fil-minimu taghha.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet **il-Qorti**, wara rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 298(1)(f), 298B(1), 49 u 50  tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat RICHARD MERCIECA hati tal-akkuza kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin lira maltin.**

**Tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-DVD’s esibiti fl-atti.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' periti nominati f'din l-kawza, il-Qorti rat li ma gew nominati ebda periti jew esperti w ghalhekk, qed tastjeni millli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------